# *Kanzunetta Uffiċjali Jum iż-Żgħażagħ 2010*

## *"Nizzlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu; issaħħu fil-fidi" (Kol 2,7)*

Merħba għas-sitt edizzjoni tal-Konkors Kanzunetta Uffiċjali Jum iż-Żgħażagħ, liema edizzjoni hi t-tielet waħda minn ċiklu ieħor ta' tliet snin li jwassalna għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2011, li se jiġi ċċelebrat f'Madrid, Spanja. It-tema li ppropona il-Papa Benedettu XVI għas-sena 2011 hija **"Niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu; issaħħu fil-fidi"** (Kol 2,7). Minn dan il-Konkors, li ser jittella' nhar is-Sibt 13 ta' Novembru, 2010 ser tintagħżel il-Kanzunetta Uffiċjali għall-mixja li ż-żgħażagħ f'Malta ser ikunu qed jagħmlu matul is-sena 2011.

L-iskop tal-Konkors, iżda, m'huwiex sempliċiment għażla ta' kanzunetta uffiċjali. Aktar minn hekk, il-Konkors irid iservi lil kull band biex tingħaqad flimkien u tesprimi s-sinjifikat tat-tema proposta bil-mod partikolari tagħha. Permezz ta' din l-attivita`, il-bands huma mistednin biex jidħlu f'esperjenza unika fejn, flimkien ma' bands oħra, jkomplu jagħtu ħajja lill-Kelma t'Alla fi żmienna. Il-Konkors huwa opportunitá għall-bands biex huma iħallu impatt fuq il-ħajja ta' żgħażagħ oħrajn.

Il-kanzunetti li se jiġu sottomessi sa nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ottubru 2010, ser jiġu evalwati minn *Quality Team* indipendenti li jevalwa kull kanzunetta biex jassigura li dawk li jipparteċipaw fil-Konkors ikunu verament jirriflettu l-messaġġ ta' l-Iskrittura b'mod żagħżugħ kif ukoll ikunu ta' livell li jixraq għal dan il-Konkors.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tħeġġiġkom ħafna sabiex tħaddmu il-kreattivitá tagħkom u ssawru kanzunetta għal dan il-konkors. Permezz ta' dan, intom tkunu qed tarrikkixxu l-mużika nisranija kontemporanja Maltija kif ukoll tagħtu servizz bżonnjuż liż-żgħażagħ fid-djoċesi tagħna.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Konkors tistgħu iżżuru is-sit elettroniku www.awakeningasaph.org jew tibagħtu l-email tagħkom fuq info@awakeningasaph.org.